KITBA MAGĦŻULA #2

ŻJIEDA MA'
SHARE
PHILOSOPHY SHARING FOUNDATION



Silta minn

# *L-Erotiżmu*

georges
# BATAILLE

# daħla

## minn Kevin Saliba

Dan it-test huwa minn wieħed mill-iżjed xogħlijiet magħrufa ta' Georges Bataille, *L-Erotiżmu* (1957). Fih Bataille jittratta bosta temi erotiċi bħat-tabù, it-trasgressjoni, is-sagrifiċċju uman, is-sagrileġġ, il-lingwa, il-vjolenza, il-mistiċiżmu, is-senswalità u l-mewt.

It-test magħżul jikkonsisti f'żewġ siltiet: l-ewwel hija l-konklużjoni tal-ktieb li tiġbor uħud mit-temi saljenti ta' dan is-saġġ, b'enfasi fuq l-impotenza tal-filosofija u tal-lingwa li jfissru l-qċaċet intensi tal-għemejjel erotiċi u fuq ir-relazzjoni intrinsika bejn l-erotiżmu u l-mewt. It-tieni silta hija l-prefazju għar-rumanz tiegħu *Madame Edwarda* li deher ukoll f'dan is-saġġ.

*L-Erotiżmu* jixhed li bħala ħassieb libertin Bataille jibda sewsew fejn jieqaf sobtu l-Markiż de Sade. Fis-saġġ Bataille donnu ma jidhirx konxju minn dan sabarra. Madankollu xorta joħroġ ċar li l-proġetti tagħhom fassluhom b'fenomenoloġija erotika u "b'ekonomija ġenerali" bil-wisq differenti. Apparagun ma' dik ta' Bataille l-viżjoni Sadjana hija pjuttost fqira.

Minnu, it-tnejn kienu ossessjonati bl-ikrah bl-uġigħ u bit-trasgressjoni sesswali. It-tnejn kellhom tendenzi vjolenti, sadisti, niħilistiċi u makabri. It-tnejn qarrħu moħħhom imaħħu dwar il-problematka taċ-ċivilizzazzjoni u dwar il-konsegwenzi kastranti tal-moralità tradizzjonali. It-tnejn widdbuna dwar "l-iżvinturi tal-virtù." It-tnejn xewilħu d-dimonji kollha fuq is-santimonji tar-reliġjon.

B'danakollu dan m'għamluhx bl-istess mod. Kif turi dis-silta, minkejja n-namra tiegħu ma' Hegel, Nietzsche u Shestov, Bataille kien jirrelata mal-filosofija formali b'ċerta bruda u kien jgħodd ruħu b'mistiku, mentri de Sade kien iridha tal-filosfu. Bataille kellu għarfien profond u wiesa' tat-tradizzjoni mistika Ġudeo-Kristjana, il-Markiż ftit li xejn. Bħala l-pern ta' xogħolu Bataille poġġa n-nozzjoni tas-sagru. De Sade kien ikonaklasta primaklassi. Bataille saħaq fuq il-linja li tbejjen lill-bniedem mill-annimal. De Sade ċaħadha. Il-Markiż kien Materjalist bigotta, mentri f'Bataille qatt mhu ċar jekk hux Idealist tat-taħtnijiet, l-iżjed meta nqisu l-attitudni ambivalenti tiegħu mad-dijalettika ta' Hegel.

F'dis-silta Bataille saħansitra jasal jagħti benefiċċju funzjonali lit-tabù. Bil-kontra tal-Markiż, Bataille jargumenta li hija proprju t-tabù li tqellel l-esperjenza erotika u ġġibha iżjed eċċitanti, u dan għax, fost raġunijiet oħra, kull att sesswali minnu nnifsu huwa trasgressjoni vjolenti, u mingħajr it-tabù ma jistax ikun hemm trasgressjoni, u għaldaqstant mingħajr it-tabù s-sesswalità titlef ħafna mill-qawwa trasgressiva tagħha.

Il-baħar jaqsam li jofroq lil daż-żewġ *enfants terribles* jmur oltre. Fid-dinja trasgressiva ta' Bataille insibu ċertu *romantiċiżmu* kożmiku, għad illi dejjem kiebi u waħxi, li jinċita b'fervur l-vjolazzjoni ontoloġika b'lingwaġġ kważi-mistiku. L-assenza ta' Alla ċċelebrawha t-tnejn li huma, iżda Bataille, bħal donnu *qaddis fuq il-pulptu tal-abbissi*, xorta waħda baqa' jixxennaq għall-estasi mistika.

F'Bataille, "tiġriba ġewwiena" bħal din tesiġi t-telfien tal-jien permezz ta' tidwiba totali mas-suġġett/oġġett erotiku fil-"verità tal-erotiżmu." B'hekk biss, skont Bataille, nistgħu nidħlu "sovrana", imqar għall-ftit, fl-għamajjar tas-sagru. "L-għan aħħar tal-erotiżmu huwa l-fużjoni... It-tifsira aħħarija tal-erotiżmu hija l-mewt," jgħidlna Bataille. Dan hu ferm 'l bogħod mid-dinja kruda tal-Markiż fejn kollox jitħabbes fil-"kamra tas-sodda" jew wara l-iżbarri ta' Bastilja.

Fil-Markiż de Sade naqraw x'jiġri meta l-bniedem jaħsel jinħakem min-niħiliżmu u jwieġeb biss bl-edoniżmu. Iżda fid-dellirji ta' Bataille naqraw, biex nislet vers mill-poeta Achille Mizzi, dwar x'jiġri "fis-saħna tal-mument meta l-bniedem iseħħlu jbexxaq għal waqt wieħed biss il-purtiera tal-ġenna."

# L-EROTIŻMU

GEORGES BATAILLE

*"Il-mewt hija l-iżjed ħaġa terribbli, u biex ħidmietha nżommu għaddejja neħtieġu mas-seba' saħħiet."*

*– Il-Fenomenoloġija tal-Ispirtu, Hegel*

Il-qarrejja tiegħi li jieħdu interess fl-erotiżmu bl-istess mod li jħabbtu wiċċhom mal-problemi *separati*, voldieri mill-pjattaforma tal-ispeċjalist, ftit li xejn ser isibu fejda f'dan il-ktieb.

M'iniex ngħid li l-erotiżmu huwa l-iżjed ħaġa importanti. Il-problema tax-xogħol hija iżjed urġenti. Iżda din il-problema hija fi proporzjon mal-mezzi tagħna, mentri l-erotiżmu huwa l-perċimes tal-problemi kollha. Ġaladarba huwa annimal erotiku, il-bniedem huwa problema għalih innfisu. L-erotiżmu huwa, fina nfusna, il-parti problematika.

L-*ispeċjalist* qatt ma jseħħlu jaqbad il-barri tal-erotiżmu minn qrunu.

Mill-problemi kollha l-erotiżmu huwa l-iżjed waħda enigmatka, l-iżjed waħda ġenerali u l-inqas waħda mistura.

Għall-bniedem li n-natura tiegħu ma jistax jaħrabha, għall-bniedem li jgħix ħajtu bi ħrara, l-erotiżmu huwa l-problema personali per eċċellenza. Huwa wkoll, fl-istess waqt, il-problema universali per eċċellenza.

Il-mument erotiku huwa wkoll l-iżjed wieħed intens (jekk taqta' barra, forsi, l-esperjenzi tal-mistiċi). Għaldaqstant dan jinsab fil-quċċata tal-ispirtu uman.

Jekk l-erotiżmu jinsab fil-quċċata, il-mistoqsija li qed inpoġġi fi tmiem dan il-ktieb tinsab ukoll sewwasew hemmhekka.

Iżda din hija mistoqsija filosofika.

Il-mistoqsija filosofika suprema hija, nemmen jien, fula maqsuma mal-quċċata tal-erotiżmu.

Dan l-intuwitu li qiegħed inressaq hawnhekk bħala konklużjoni għandu sens għarib għall-periferiji tal-kontenut ta' dan il-ktieb, u dan għax mill-erotiżmu jeħodna għall-filosofija. B'danakollu għandi raġun nemmen, minn banda, li l-erotiżmu ma nistgħux insaffluh, bla ma jisfa' mdebbaħ, f'sempliċement aspett

TRADUZZJONI MILL-ORIĠINAL FRANĊIŻ

stakkat mill-bqija tal-ħajja bħalma jaħsbu l-biċċa l-kbira tan-nies. Lanqas il-filosofija stess, mill-banda l-oħra, ma tista' tinqata' għaliha waħidha. Jasal punt fejn ikollna naħfnu l-assjem tal-elementi tal-ħsieb, l-assjem tal-elementi li jdaħħluna fil-logħba tal-eżistenza tagħna fid-dinja.

Dan l-assjem żgur jaħarbilna kieku ma joħroġx fid-dieher permezz tal-lingwa.

Iżda kemm-il darba l-lingwa ġġibu fid-dieher, dan tagħmlu biss fi srabat ta' kapitli li jsegwu 'l xulxin fid-dimensjoni tal-ħin. Dika l-viżjoni globali qatt ma tista' tingħata lilna f'mument wieħed suprem, u dan għax 'l din il-lingwa tisħaqha f'aspetti separati u mqabbda ma' xulxin b'tifsira koerenti. Matul il-kors analitiku tal-lingwa dawn l-aspetti jsegwu wieħed lill-ieħor bla ma qatt ikanġu f'massa waħda.

B'hekk, il-lingwa, tistiva f'ordni s-sħuħija ta' kulma fis-sew jgħodd għalina u fl-istess waqt erħilha tferrixha. Fil-lingwa ma nistgħu qatt naħfnu bis-sod dak li jgħodd għalina tabilħaqq, għax fiha dan jibqagħlna alalarga ġo forom ta' prepożizzjonijiet interdipendenti bla ma qatt tiżbokka quddiemna dik is-sħuħija li kull prepożizzjoni minnhom tirreferi għaliha. L-attenzjoni tagħna tibqa' msammra fuq din is-sħuħija mistura mis-suċċessjoni tal-frażijiet, iżda m'għandniex mezz biex minflok biss birjiet ta' frażijiet suċċessivi jseħħilna nġarrbu bis-sħiħ s-sirġa intiera.

Lil din il-problema l-biċċa l-kbira tal-bnedmin ma jagħtux kasha.

Mhuwiex meħtieġ li tingħata tweġiba għall-mistoqsija tal-eżistenza. Lanqas biss jenħtieġ li din il-mistoqsija filfatt issir.

Iżda l-fatt li dak li jkun dil-mistoqsija la jweġibha u 'qas biss jagħmilha ma jxejjinx il-mistoqsija nfisha.

Kieku xi flien kellu jiġi jistaqsini aħna x'aħna nwieġbu hekk: "aħna dit-tibriħa għall-possibbiltajiet kollha. Aħna dik l-istennija li l-ebda żvog mondan ma jista' qatt jikkuntenta u li l-ġugata tal-lingwa biha qatt ma tqarraq! It-tiftixa għall-quċċata l-bżulija tagħna. Kull proxxmu fostna jista' jwarrab dit-tiftixa kemm irid, iżda l-kollija tal-umanità għal dil-quċċata taspira, għax hi biss tiddefiniha, għax hi biss l-ispjega tagħha, it-tifsira waħdanija."

Din il-quċċata, din id-dqiqa makbra, hija mbegħda min-nadra tal-filosofija.

Il-filosofija ma tista' qatt tiżgiċċa mill-filosofija, lanqas tinsilek mil-lingwa ma tista'. Il-lingwa tużaha b'mod li warajha qatt ma jissuċċiedi s-skiet. B'hekk il-mument suprem bilfors jisboq lill-mistoqsija filosofika, almenu sal-ħażż safejn il-filosofija żżomm il-pretensjoni li twieġeb il-mistoqsijiet tagħha.

Hekku l-mod kif għandna nħarsu lejn din id-diffikultà.

Il-mistoqsija għandna sens biss fl-elaborazzjoni li ssirilha mill-filosofija: hija l-mistoqsija suprema li titwieġeb fil-mument suprem tal-erotiżmu – bis-skiet tal-erotiżmu.

Il-mument tal-filosofija jtawwal il-mument tax-xogħol u tal-mimnugħ, voldieri tat-tabù. Kwantu dal-punt m'iniex biħsiebni nżid wisq. Iżda bil-kors tagħha, (li ma jsibx il-ħila jisfratta l-iżvilupp tagħha), il-filosofija ssib ruħa tippilla kontra t-trasgressjoni. Kieku l-filosofija kellha taqsam il-kamra mill-kamp tax-xogħol u tal-mimnugħ (li jaqblu u jikkumplimentaw lil xulxin) għall-kamp tat-trasgressjoni, il-filosofija ma tibqax iżjed dik illi hi, anzi ssir t-tmasħira tagħha nfisha.

Apparagun max-xogħol it-trasgressjoni hija logħba.

Fid-dinja tal-logħob il-filosofija tisfa' trab.

Li kieku t-trasgressjoni kellna npoġġuha bħala s-sies tal-filosofija (il-miġra ta' ħsiebi hija din), minflok bil-lingwa jkollna ninqdew bil-kontemplazzjoni ħiemda. *Hija l-kontemplazzjoni tal-essri fil-quċċata tal-essri*. Il-lingwa m'għosfritx, xejn affattu. Kif il-quċċata qatt kienet tkun aċċessibbli kieku qabelxejn il-lingwa ma kinitx uriet l-aċċess għaliha? Iżda l-lingwa li tiddeskriviha ma jifdlilha l-ebda sens f'daka l-waqt deċiżiv xħin it-trasgressjoni nfisha, fil-moviment tagħha, tieħu r-riedni fuq in-narrattiva teoretika tat-trasgressjoni. B'danakollu ma' dawn id-dehriet suċċessivi jiżdied waqt maqwieħ: f'daka l-waqt ta' skiet għamiq – f'daka l-waqt ta' mewt – tirrivela ruħha l-unità tal-essri, fl-intensità tal-esperjenzi fejn il-verità tagħha tistakka ruħha mill-ħajja u mill-oġġetti tagħha.

Fl-introduzzjoni għal dan il-ktieb ittantajt – permezz tal-lingwa – inġib dan il-waqt maqwieħ aċċessibbli għall-fehim tar-raġuni, u rrelatajtu mas-sentiment tal-kontinwità tal-essri.

Kif diġà għedt, it-test ta' din l-introduzzjoni nqara f'konferenza li fost oħrajn attenda għaliha Jean Wahl. Minnufih wara l-konferenza kien qajjimli din l-oġġezzjoni. (Dan is-sentiment tal-kontinwità kont attribwejtu liż-żewġ partijiet fil-logħba erotika.)

"Wieħed mis-sħab," qal Wahl, "bilfors irid ikun konxju mill-kontinwità. Bataille ikellimna, Bataille jikteb, huwa konxju, u, fil-mument xħin ma jkunx konxju, il-kontinwità tista' tiġi interrotta. Ma nafx x'ser jgħid dwaru dal-punt Bataille, imma lili jidhirli li hemm problema ta' veru hemmhekk... Il-koxjenza tal-kontinwità ma tibqax iżjed

kontinwità, inkella ma nkunux nistgħu nitħaddtu fuqha."

Jean Whal kien fehmni bl-eżatt.

Weġibtu dikment billi għedtlu li kellu raġun, dażgur, iżda għedtlu wkoll li fi truf il-fruntieri, minn xi daqqiet, il-kontinwità u l-koxjenza jaħslu joqorbu lejn xulxin.

Difatti, il-waqt maqwieħ ikun ġos-skiet, u, ġos-skiet, il-koxjenza tiskappalna.

Ftit ilu ktibt: "f'daka l-waqt ta' skiet għamiq – f'daka l-waqt ta' mewt..."

X'konna nkunu mingħajr il-lingwa? Kienet dik li għamlitna dak li aħna. Biss din tirrivela, fl-istremità tal-konfini, dak il-mument sovran fejn lilna ma tibqax iżjed tfid. Iżda, fl-aħħar mill-aħħar, min ikun qed jitħaddet ikun qed jistqarr l-impotenza tiegħu.

Il-lingwa ma teżistix b'mod indipendenti mil-logħba tat-tabù u t-trasgressjoni. Huwa għalhekk li l-filosofija, biex tasal issib il-kap u l-kuda, dejjem jekk qatt tista', tal-assjem tal-problemi, għandha telabora l-problemi mill-ġdid billi qabelxejn titlaq minn analiżi storika tat-tabù u t-trasgressjoni. Huwa proprju f'din it-taħqiqa, fir-reviżjoni tal-oriġni tagħha stess, li l-filosofija, hija u tinbidel fi trasgressjoni tal-filosofija, iseħħilha taċċessa l-quċċata tal-essri. *Fi sħuħitha*, il-quċċata tal-essri ma tirrevela ruħha mkien ħlief fil-moviment tat-trasgressjoni li fih – imsejjes fuq ix-xogħol u fuq l-iżvilupp tal-koxjenza – il-ħsieb fl-aħħar jasal jissupera lix-xogħol, bl-għarfien li ma jista' qatt jittaħħat grad inqas minnu.

* * *

L-awtur tar-rumanz *Madame Edwarda* nnifsu diġà kien ġibed l-attenzjoni dwar is-serjetà tal-ktieb tiegħu. B'danakollu xorta nemmen li jaqbel ninsisti fuqha, l-iżjed minħabba l-mod pwerili li s-soltu bih jintlaqgħu l-kotba dwar materji sesswali. Mhux li għandi t-tama – jew il-ħsieb – li nibdel dil-ħaġa. Però nitlob lill-qarrejja tal-prefazju tiegħi jirriflettu ftit fuq l-attitudni tradizzjonali kwantu l-pjaċir (li jilħaq l-aqwa intensità tiegħu fir-rapporti bejn is-sessi) u kwantu l-uġigħ (li l-mewt ittaffih, veru, iżda mhux qabel tiggravah). Hemm għadd ta' fatturi li jġagħluna ninkwadraw lill-bniedem (lill-umanità) fi stampa daqsinsew imbegħda kemm mill-pjaċir estrem u kemm mill-uġigħ estrem: l-iżjed projbizzjonijiet komuni jirrigwardaw lis-sess u lill-mewt. Tant huwa minnu dan li sija wieħed u sija l-oħra sawru dominju sagru mrabbat mar-reliġjon. L-agħar bużillis beda meta l-mangħat, voldieri il-projbizzjonijiet, li jirrigwardaw iċ-ċirkustanzi tal-għejbien tal-essri saru l-uniċi mangħat li bdew jittieħdu bis-serjetà mentri dawk li jirrigwardaw il-feġġa tiegħu – kull attività ġenetika – saru jitqiesu ħwejjeġ taċ-ċajt. M'hemmx lok noqogħdu nipprotestaw kontra dit-tendenza tal-maġġoranza, għax id-destin

inzerta amar li l-bniedem irid jidħak bl-organi riproduttivi tiegħu. B'danakollu dan id-daħk, huwa u jperreċ il-kontrapożizzjoni bejn il-pjaċir u l-uġigħ (l-uġigħ u l-mewt jistħoqqilhom rispett filwaqt li l-pjaċir hu xi ħaġa ridikola li jistħoqqilha t-tkasbir), fl-istess ħin jindika wkoll il-parentela fundamentali tagħhom. Id-daħk ma jibqax rispettuż iżda minflok isir sinjal ta' waħx. Id-daħk huwa dik l-attitudni ta' kompromess li jieħu l-bniedem difaċċ aspett skifuż li primavista ma jidhirx serju. Bl-istess mod, jekk jittieħed b'mod serju jew b'mod traġiku, l-erotiżmu jisromna.

Qabelxejn tassew irrid infisser biċ-ċar kemm huma fiergħa dawn l-istqarrijiet banali li l-mangħat sesswali huma preġudizzji li jaqbel neħilsu minnhom illum qabel għada. Il-mistħija u l-pudur, li jimxu id f'id mas-sentiment qawwi tal-pjaċir minnhom infushom m'huma xejn, skont dawn, għajr provi ta' stupidaġni. Daqstant ieħor kieku jkun jaqbel ngħidu wkoll, immela, li fl-aħħar imissna nħassru t-tavla u mmorru lura fi żmien l-annimalità, b'kulħadd jiddivora 'l xulxin bla 'qas biss kas tal-ħmieġ u l-qżuża. Bħalkieku l-umanità, fil-kollija tagħha, ma kinitx l-eżitu ta' reazzjoni ta' waħx u mbagħad ta' attrazzjoni, marbuta t-tnejn mas-sensittività u mal-intelliġenza. B'danakollu, bla ma nħaqquha xejn mad-daħk li tqanqal l-indeċenza, almenu xorta waħda aħna ħielsa nerġgħu lura – tal-inqas sa ċertu punt – għall-perspettiva li d-daħk biss kellu l-qatgħa jintroduċi.

Difatti huwa d-daħk li jiġġustifika għamla ta' kundanna li twaqqagħna fil-għajb. Id-daħk iqabbadna dit-trejqa li fiha l-prinċipju tal-projbizzjoni u tad-deċenzi inevitabbli u neċessarji jinbidel f'ipokrisija dejqa u f'nuqqas ta' fehim fil-materji inkwistjoni. Il-laxkizza estrema, flimkien maż-żufjett, tmur annuna mar-rifjut tagħna li nieħdu b'mod serju – voldieri *b'mod traġiku* – il-verità tal-erotiżmu.

[...]

Sabiex iseħħilna nilħqu l-ibgħad reċessi ta' dik l-estasi li fiha lilna nfusna nitilfu fit-tpaxxija, lil din l-estasi rridu dejjem inħażżulha rig immedjat: il-waħx. L-uġigħ, kemm tiegħi u kemm tal-oħrajn, jista' jqarribni lejn dak il-waqt li fih il-waħx jelevani u *jġibni* nilħaq stat ta' glorja li jkanġi fid-dellirju. Lanqas biss hemm, terġa' xi speċi ta' skifezza li fiha ma nagħrafx l-affinità mat-tixwiq. Mhux li m'għandniex ħabta nitfixklu l-waħx mal-attrazzjoni, imma dment li l-attrazzjoni lill-waħx la tista' trażżnu u lanqas teqirdu, *il-waħx iriffed l-attrazzjoni*. Il-periklu jipparalizza, iżda meta dan ikun moderat jista' jqanqal ix-xewqa. L-estasi nistgħu nilħquha biss meta niġu konxji – anke jekk minn ċertu bogħod – mill-mewt, minn dak li jxejjinna.

min kien

# Bataille

1897-1962

Georges Bataille twieled f'Billom, Franza, fl-1897. Għad li ftit kien magħruf f'ħajtu, illum jingħadd b'figura maġġuri fl-istorja tal-filosofija kontinentali. Ħadem ukoll f'oqsma oħra bħall-antropoloġija, is-soċjoloġija, l-ekonomija, it-teoloġija, il-kritika letterarja u l-istorja tal-arti. Għad li kien ħassieb oriġinali, f'xogħlu tinħass ħafna l-influwenza ta' Shestov, Heidegger, Hegel, de Sade u b'mod speċjali Nietzsche.

Fi tfulitu mwiegħra kien sab refuġju fit-Kattoliċeżimu, iżda maż-żmien abbanduna l-fidi u kompla jistħarreġ il-Marksiżmu, il-psikoanaliżi, il-mistiċiżmu u s-surrealiżmu. Nieda r-rivista surrealista *Documents*, u iżjed tard waqqaf il-grupp anti-Faxxista *Contre-Attaque*, is-soċjetà sigrieta *Acéphale* u l-grupp intellettwali *Collège de Sociologie*.

Ħsieb Bataille jibqa' assoċjat mal-mistiċiżmu ateu tal-ateoloġija – it-tiġrib tal-mewt ta' Alla bl-esperjenza mistika fl-eċċessi bnedmija, l-iżjed l-erotiżmu. Dan naqrawh fi tliet saġġi filoletterarji magħrufin bħala *Summa Ateoloġika*, voldieri *It-Tiġriba Ġewwiena*, *Il-Ħati* u *Kwantu Nietzsche*, u f'oħrajn bħal *Is-Sinjura Edwarda*, *L-Erotiżmu* u *Id-Dmugħ ta' Eros*.

Georges Bataille miet f'Lulju 1962. Xogħlijietu ħallew impatt qawwi fil-kontinent, l-iżjed fuq Foucault, Lacan, Derrida u Kristeva.

www.philosophysharing.org

philosophysharing malta